MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 1071/2002

**Mary Ann Calleja.**

**-vs-**

**Maltacom p.l.c.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-23 ta' Settembru, 2002 li permezz tieghu l-attrici ppremettiet:

Illi l-esponenti hadet sehem f'lotterija bl-isem ta' Mega Competition, fejn il-premju ewlieni kien vettura tal-marka KIA Rio, kif ukoll kien hemm premju kuljum ta' mitt lira fil-perjodu li t-Trade Fair kien miftuh.

Illi l-esponenti imliet id-dettalji mitlub fil-formola tal-biljett u wiegbet ghall-mistoqsija li kien hemm fl-istess biljett, liem mistoqsija kienet tikkonsisti:
“Can Easyline card be used from a Maltacom payphone”. It-twegiba ta’ l-esponenti kienet mmarkata fil-kaxxa “Yes”.

Illi fuq il-biljett in kwistjoni ma kien hemm l-ebda indikazzjonijiet li l-lotterija kienet maqsuma fi stadji differenti, anzi l-indikazzjoni fuq il-biljett kien jindika li jekk il-biljett jitla u jkun hemm risposta tajba, wiehed jkun rebah awtomatikament il-premju. Kopja ta’ sample ta’ dawn il-biljetti qed jigi anness u mmarkat bhala Dok A.

Illi fit-13 ta’ Awissu 2002 ghal habta tan-12:30 pm, is-socjeta protestata organnizzat it-tluq tal-premju tal-vettur tal-marka KIA Rio, u l-ewwel biljett li tela’ kien ta’ l-esponent.

Illi ufficcjal tas-socjeta konvenuta cempel lill-attrici l-ewwel id-dar taghha u imbaghad fuq il-mobile taghha u informaha li kienet rebhet il-vettura in kwistjoni, izda, minkejja li ma kienx hemm l-ebda indikazzjoni fuq il-biljett li seta’ kien hemm xi kundizzjoni ulterjuri minn dawk imsemmija hawn fuq, ried li l-ewwel twiegeb mistoqsija ohra.

Illi l-attrici, li kienet sorpriza, ma kellhix ghazla ohra hlief li tipprova tirrispondi l-mistoqsija ulterjuri u fil-fatt saqsiet mistoqsija in konnessjoni tas-servizz tal-voicemail, izda l-attrici tat twegiba hazina.

Illi minkejja li kienet telghet il-biljett ta’ l-attrici u fil-biljett ta’ l-attrici u fil-biljett ta’ l-esponent kien hemm twegiba korretta ghall-mistoqsija li kien hemm bil-miktub, is-socjeta konvenuta naqset biex tikkonferma r-rebh tal-vettura lill-esponent u informatha li ma kienet aktar intitolata ghall-vettura in kwistjoni.

Illi jirrizulta li fil-fatt is-socjeta konvenut ftit wara dan l-incident, tellghu biljetti ohra u fil-fatt huwa maghruf li l-vettura in kwistjoni se tinghata lil terzi.

Illi s-socjeta konvenuta kisret l-obbligi kuntrattwali taghha fil-lotterija imsemmija u dan billi li ma tat l-ebda indikazzjoni u l-anqas ma tat x'tifhem li r-rebh kien kundizzjonat fuq mistoqsija ulterjuri minn dak li kien hemm miktub fil-biljett tal-lotterija.

Illi l-attrici meta qrat il-biljett in kwistjoni, kull ma kien hemm miktub hu li kellha twiegeb mistoqsija semplici li kien hemm fuq il-biljett u timla l-formola tad-dettalji personali taghha.

Illi l-esponent issostni li meta partecipat fil-lotterija jew il-kompetizzjoni, hi dahlet f'relazzjoni kuntratwali mas-socjeta konvenuta u bhala konsegwenza l-istess socjeta konvenuta kienet obbligat li ssewgi dawk il-pattijiet u kundizzjoni imsemmija fil-biljetti li hi stess pubblikat u qasmet lill-pubbliku u fosthom lill-esponent u bhala konsegwenza ma setghetx zzied aktar kundizzjonijiet minghajr l-approvazzjoni espressa miz-zewg partijiet, specjalment fl-ahhar tal-lotterija meta tela il-biljett rebbieh.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-attrici hija r-rebbieha tal-lotterija tat-13 ta' Awissu 2002 organizzata mis-socjeta konvenuta.

2. Tordna s-socjeta konvenuta sabiex taghti l-premju tal-lotterija tat-13 ta' Awissu 2002 lill-attrici.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ipprezentata fit-22 ta' Jannar, 2003 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepixxiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, billi qatt ma ezistiet bejn il-partijiet ir-rabta kontrattwali bil-mod kif qed tippretendi l-attrici.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta mahlufa minn Richard Attard, I.D 284453(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Dicembru 2004 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat l-atti processwali u semghet is-sottomissjonijiet tal-Avukati tal-partijiet.

Ikkunsidrat.

Illi l-kwistjoni li trid tigi deciza f'din il-kawza hija jekk l-attrici kienitx intitolata tirbah il-kompetizzjoni li kienet varat is-socjeta' attrici fil-kors tal-fiera li saret fin-Naxxar fis-sena 2002.

Dwar il-fatti ma hemmx kontestazzjoni. Is-socjeta' konvenuta organizzat kompetizzjoni li fiha kull min xtara b'certu ammont ta' prodotti minghandha kien intitolat ghal biljett. Il-biljett kien jinkludi domanda li ghaliha min kien jippartecipa ried jirrispondi *yes* jew *no.* L-attrici kellha biljett u kitbet ir-risposta li fil-fatt kienet korretta. Meta ttella' l-biljett inzerta taghha. Xi hadd inkarigat (ix-xhud Mary Grace De Conso – Fol 38 *et sequitur* tal-process) cempel lill-attrici u qaltilha li biex tirbah il-kompetizzjoni kellha tirrispondi domanda ohra. Meta staqsitha din id-domanda l-attrici ma rrisponditx tajjeb u allura ghaddiet it-*telephone* lil Richard Attard, direttur kummercjali tal-Maltacom, illi nformaha li ma kienitx rebhet il-kompetizzjoni.

Is-socjeta' konvenuta qed targumenta illi ladarba hija organizzat kompetizzjoni u mhux lotterija l-attrici ma tistax

tilmenta u tinsisti li rebhet il-kompetizzjoni ghaliex effettivament hija ma rrisponditx tajjeb ghad-domanda maghmula telefonikament. Fuq dan il-punt insistiet hafna x-xhud imsemmija Mary Grace de Conso illi qalet li huma kienu organizzaw il-kompetizzjoni fis-snin ta’ qabel u dejjem ghamlu d-domanda telefonikament barra li kien ukoll ikollhom domanda fuq il-biljett biex il-partecipant jikteb ir-risposta fuqu.

Ma hemmx dubbju illi l-partijiet dahlu f’kuntratt fil-mument li l-attrici tefghet il-biljett taghha fl-urna. Ghalhekk skond il-Kodici Civili dan ghandu jigi esegwit *in bona fede* (Artikolu 993 tal-Kap 16). Skond l-istess Kodici ma hemmx lok ghal interpretazzjoni meta l-kitba tal-kuntratt tkun cara (Artikolu 1002).

F’dan il-kaz il-partijiet huma marbuta b’dak li hemm miktub fid-dokument esebit a Fol 36 (Dok MGC) li skond ix-xhud imsemmija kien esebit fl-istand b’mod li jidher car minn kulhadd. Dan jghid;

**Mega Competition!**

**Visit the Maltacom Group stands at the Trade Fair**

**And partecipate in the Mega Competition.**

**Answer a simple question on the ticket, fill in your details, deposit your entry at the Maltacom Group stand and you can ....**

**WIN a daily prize worth more ....**

**The New KIA RIO**

Barra minn dan il-partijiet ukoll huma marbuta b’dak miktub fil-biljett (Dok A Fol 6) li ftit jew wisq hu l-istess bhal dak li

gia' ntqal fir-rigward tad-Dok MGC. Il-parti l-iktar importanti, fil-fehma tal-Qorti tghid; *Answer the simple question overleaf, fill in your particulars and deposit the ticket at the Maltacom Group Stand.*

Ma hemmx dubbju ghalhekk illi s-socjeta' konvenuta riedet torganizza kompetizzjoni u mhux lotterija – ghalkemm naturalment hemm l-element ta' lotterija fis-sens li huma kellhom itellghu r-rebbieh bix-xorti. Dan kien car fir-reklamar taghhom. Madankollu mkien ma tnizzel li min jitlaghlu l-biljett kien ser ikollu jirrispondi ghal domanda ohra. Forsi kien ikollha ragun is-socjeta' konvenuta kieku l-biljett ma kien fih ebda domanda ghaliex allura wiehed bil-fors ikollu jikkonkludi illi l-partecipant kien ser ikollu jwiegeb xi domanda – ghax allura ma kienitx tkun kompetizzjoni izda lotterija semplici. *Una volta* l-biljett kien fih domanda u ghaliha l-attrici irrispondiet korrettement, hija kienet intitolata ghall-premju mwieghed.

Ghalhekk l-attrici ghandha dritt tilmenta li s-socjeta' konvenuta ma zammitx mall-ftehim. Ladarba la fil-biljett u lanqas fil-kitba l-ohra pubblicitarja ma gie ndikat illi hija kellha tirrispondi domanda ohra ma setghetx tigi mgieglha taghmel dan biex tirbah il-kompetizzjoni. Anzi kellha kull dritt tirrifjuta li tirrispondi. Wiehed forsi jargumenta li ladarba rrispondiet tilfet dan il-beneficcju izda l-Qorti ma thossx li hu ekwu li wiehed jinterpreta b'dan il-mod l-agir taghha dak il-hin ghal hafna ragunijiet – l-ewwelnett il-hasda li kellha f'dak il-hin u anke ghaliex hu probabbli li kull hadd kien jaghmel l-istess – fuq kollox kieku rrispondiet tajjeb (hija kellha biss tlett ghazliet x'tirrispondi) il-vertenza ma kienitx tqum. L-Artikolu 993 fuq imsemmi ukoll jghid li l-esekuzzjoni tal-kuntratti ghandha ssir, fost affarijiet ohra bl-ekwita'.

Lanqas ma hu argument legalment validu li s-socjeta' konvenuta kienet organizzat kompetizzjonijiet simili bl-istess mod u allura kellha dritt taghmel dan ghal darb' ohra. Is-

socjeta' attrici u hadd ma ghandu dritt jippresumi li ladarba mxiet b'dan il-mod setghet tibqa' miexja kif jidhrilha hi minghajr ma taghti kaz ta' dak li ppromettiet fil-materjal pubblicitarju u fl-istess biljett tal-kompetizzjoni. Fil-fehma tal-Qorti s-socjeta' konvenuta organizzat il-kompetizzjoni b'mod approssimattiv u kien messha tkun cara fil-messaggi li ntbghatu lil dawk illi hadu sehem fil-kompetizzjoni. Kif gia' inghad, l-attrici kellha kull dritt tippresumi illi jekk irrispondiet tajjeb fuq il-biljett u dan il-biljett jigi estratt, hija rebhet il-kompetizzjoni jew il-lotterija (ghaliex minn hemm il-quddiem hemm l-element car ta' lotterija billi l-kompetituri mhux ikkompetew kontra xulxin izda r-rebbieh kellu jitla' bix-xorti).

**Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti, tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta u tilqa' t-talbiet attrici billi tiddikjara illi l-attrici hija r-rebbieha tal-lotterija tat-13 ta' Awwissu 2002 u tordna lis-socjeta' konvenuta taghti l-premju tal-istess lotterija.**

**L-ispejjes jithallsu mis-socjeta' konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------